MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Numru 455/2004

Il-Pulizija
(Spettur Jason Agius)

vs

Sandro Psaila

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Sandro Psaila, karta ta' identita' numru 455172(m), akkuzat talli fid-9 ta' Gunju, 2004 ghal habta tal-11.30 p.m. gewwa l-Arjuport Internazzjonali ta' Malta, Gudja:

1.
a. volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Elena Devitskaya skond kif iccertifika t-tabib Dr Kevin Zammit ta' l-Isptar San Luqa;

b. volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Edwin Fenech skond kif iccertifikaw it-tobba Dr Robert Portelli tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u Dr Kevin Zammit ta' l-Isptar San Luqa;
c. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;
d. volontarjament hebb kontra l-persuni ta' Elena Devitskaya u Edwin Fenech sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;
e. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat iehor li kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

2.
(a) aktar talli matul dawn l-ahhar xhur bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika jew bhala impjegat tal-gvern jew mal-gvern u cioe' bhala suldat Gunner 86171 tal-Forzi Armati ta' Malta sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu jew akkont tal-gvern jew ta' stabbiliment pubbliku;

3.
(a) aktar talli matul dawn l-ahhar xhur bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu u cioe' bhala suldat Gunner 86171 tal-Forzi Armati ta' Malta esiga dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il- ligi;

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali ai termini ta' liema ddikjara li setghet tinstab htija jew htijiet fl-imputat u baghat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex fin-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha ta' l-imputat tipprocedi skond l-Artikolu 370(3)(d)(e) tal-Kap 9 u prevja li tisma' l-provi li fadal;

Semghet ix-xhieda kollha li giet prodotta;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat li kkaguna kemm feriti gravi u kemm feriti hfief, li kkommetta estorsjoni, bl-aggravju konness mal-kariga tieghu, u li kkommetta offizi kontravenzjonali li jolqtu l-ksur tal-paci pubblika u l-bon ordni u l-hebb kontra persuna.

Illi mill-provi in atti l-incident li pprovoka din il-kawza sehh fl-Arjuport Internazzjonali l-Gudja fid-9 ta’ Gunju 2004 fil-kors ta’ kollutazzjoni li kienet tinvolvi l-imputat ma’ zewg persuni ohra, wahda tfajla ta’ nazzjonalita’ Russa u l-ohra guvni ta’ nazzjonalita’ Maltija. Id-dinamika tal-incident, kif, jew ghaliex beda, u min ipprovokah, hu kontestat mill-imputat li fl-istqarrija tieghu stqarr li lit-tfajla ta’ nazzjonalita’ Russa lanqas jafha u zied li kien il-guvni ta’ nazzjonalita’ Maltija, li kien qieghed maghha, li aggredih ghal ebda raguni. Il-versjoni opposta hija differenti ghal dik tal-imputat. Hawnhekk kemm il-guvni kif wkoll it-tfajla jghidu li kien l-imputat li l-ewwel aggredixxa lilha u meta ndahal il-guvni aggredih wkoll. Fil-kuntest ta’ din ix-xhieda t-tfajla semmiet ir-retroxena li ostensibbilment tat lok ghall-incident. Hi tghid illi l-imputat kien ippretenda li hi thalsu somma ta’ Lm200 sabiex tinghata dokument li tfajla ohra ta’ nazzjonalita’ Russa kienet inghatat minn ommha gewwa r-Russja u liema dokument hi riditu biex tizzewweg hawn Malta u dana, sostniet hi, meta kienet gja ghaddiet lill-imputat ammonti ta’ flus precedentement dejjem, kif qalet, in rigward il-visa mehtiega sabiex tinghata dhul f’Malta.

Kif gja accennat l-imputat jichad dan kollu pero’ c-cahda tieghu hi limitata ghall-istqarrija minnu rilaxxata stante li ghazel, kif kellu kull dritt, li ma jikkonfermahiex ‘viva voce’. Dan ifisser li din ic-cahda mhiex prova probanti u konsegwentement ghandha tigi skartata. Ifisser ukoll li l-effetti legali u fattwali huma li l-imputat ghandu jinstab hati

tal-akkuzi kontrih dedotti kemm ghaliex jirrisulta mill-provi li huwa kkaguna kemm feriti gravi u kemm hfief fuq il-persuni koncernati, u f'dan il-kuntest din il-Qorti mhiex qeghdha tirrijavvisa ebda skusanti favur l-imputat, kemm fir-rigward l-offizi kontravenzjonali li jolqtu l-bon ordni u l-hebb, u kemm ta' estorsjoni salv l-implikazzjonijiet legali ta' dan l-ahhar reat fil-kuntest ta' dawk mill-fatti pruvati u rilevanti fl-ambitu ta' din l-akkuza.

Fl-ambitu ta' din l-akkuza ta' esazzjoni ta' flus/estorsjoni, reati previsti fl-Artikolu 112 u 113 tal-Kap 9, jirrisulta bla dubbju li l-imputat kien impjegat mal-forzi armati, parti mill-amministrazzjoni pubblika. Jirrisulta wkoll, fuq dak li ntqal fuq, li kien hemm l-esazzjoni ta' flus akkompanjat bil-kommissjoni ta' griehi, li jikkwalifikah, allura f'estorsjoni, u li ghall-kommissjoni tieghu kien biss rikjest il-figura tal-imputat qua membru tal-forzi armati. Stabbilit li dak li gie esatt ma kienx dovut u lanqas legali l-imputat ghandu wkoll jinstab hati ta' din l-akkuza.

Tiddecidi ghalhekk li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha kontrih dedotti. Hasbet fuq il-piena u jidrilha li billi r-reat ta' estorsjoni huwa wiehed odjuz u jimmerita l-piena ta' prigunerija, wara li rat l-Artikolu 112, 113, 216, 221, 338(dd), 339(1)(d) u 17 tal-Kap 9 tiddecidi li tikkundanna l-imputat hmistax il-xhar prigunerija. Pero' wara li qieset xi cirkostanzi rigwardanti l-istess imputat qeghdha tissospendi l-piena ghall-perjodu ta' erba' snin mill-lum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------